Din il-**METRIKA MALTIJA** ma fihiex ħlief xi tfaħħar, u kienet hi li mliet il-baħħ li kien ilu jinħass ħafna fil-letteratura tagħna. 'Dan ix-xogħol meħtieġ', igħid il-Professur Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) fil-"Kelmtejn Qabel", 'jien nirrikmandah bil-qalb lil dawk iż-żgħażagħ li jħossu ruħhom imxejrin lejn il-Għanja Maltija sew bħala kittieba ta' poeżiji kemm bħala qarrejja'.

*

## "THE MALTESE LANGUAGE"—Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph. D. (Lond.)—Empire Press, 1940.

Ġuże Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), Professur tal-Malti u ta' l-Ilsna Orjentali, tana f'idejna ktejjeb jismu "The Maltese Language", biċċa xogħol li titkellem dwar l-Ilsien Malti xjentifiku. Din il-kitba kien qraha fil-*British Institute* fil-31 ta' Ottubru li għadda.

Fil-"Kelmtejn Qabel" mill-ewwel fisser ruħu li hu mhuwiex minn dawk, li, hekk jew hekk, iridu bilfors jinqdew bil-*Malti Safi*; il-ħsieb ewlieni tiegħu hu li jkollna lsien kbir, assimilattiv b'futur ta' letteratura mill-aqwa, u hekk inkunu qegħdin inpattu għaż-żmien li ntilef qabel, meta l-Malti kien imħaddem ħażin u ftit li xejn kienu jagħtu każu.

Ix-xejra lejn il-Malti, igħid l-awtur hi jew ta' tmaqdir kbir inkella ta' ħeġġa bla dehen, ħeġġa ta' dawk il-'puristi' li jridu jdaħħlu l-"*Malti Safi bis-sewwa jew bid-dnewwa*". It-tnejn, kemm dawk li jridu l-Malti safi ż-żejjed u wisq aktar dawk li jmaqdruh, huma mexjin fit-triq il-ħażina. Ix-xejra li qabdu m'hi xejn tajba u ma tagħmel ebda ġid lil ilsienna. Ma għandniex inbarru l-kelma barranija meta nħossu li qiegħda flokha u li toqgħod tajjeb għall-ħajja kulturali tagħna. Kliem bħal dan għandu jidħol fid-dizzjunarju Malti; hu jagħmel sehem mill-esperjenza u l-wirt tagħna soċjali. Imma minn naħa l-oħra, igħid ukoll l-awtur, qegħdin jagħmlu ħażin dawk li fil-kitba bil-Malti jinqdew bi kliem barrani addoċċ u kif iridu. "Jien għal kollox kontra dawk", iżid igħid, "li jridu '*jivvulgarizzaw*' il-Malti b'ortografija taljanizzata".

Aħna naqblu għal kollox ma' l-idijat kif ġew imfissrin mill-Professur Aquilina, u ma nistgħux ma nirrikmandawx il-ktieb bħala biċċa xogħol xjentifika mill-aħjar u li hi l-bidu ta' studji oħra li l-Professur biħsiebu jagħmel aktar 'il quddiem.

Ġ. c.

# WERREJ TAS-SITTAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-lum ma għandhomx skuża | | 3 |
| Il-Mewt ta' l-Avukat Ġuże Micallef | A. Cremona | 5 |
| *Legio Mariæ* | Dun Karm | 11 |
| Ħsibijiet imxerrda | E. Serracino Inglott | 13 |
| *Il-Mastrudaxxa* | Ġuże Chetcuti | 14 |
| *Nemmen* | „ „ | 15 |
| En passant | A. C. | 18 |
| In-Novella | Ġużi Mallia | 19 |
| Aktar mill-qilla, aktar mit-theddid, aktar mid-dwejjaq | | 25 |
| *Pax Britannica* | **** | 26 |
| It-Tabib Ġuże Bonnici | Ġuże Chetcuti | 27 |
| It-Tagħlim tal-Malti | | 31 |
| *Ħajr u Talb* | Dun Karm | 33 |
| *Londra* | Ġuże Chetcuti | 33 |
| Il-Ġiżwita Indrì Schembri | Ġuże Galea | 34 |
| *Iż-Żmien* | Ġuże Chetcuti | 41 |
| L-Ingilterra għad tirbaħ | „ „ | 44 |
| *Ix-Xatt t'Għawdex* | Ġorġ Pisani | 45 |
| *Progress* | Dun Karm | 46 |
| La tigdibx | C. Micallef Decaro | 47 |
| Malta tkabbar ġrajjietha | Ġużi Mallia | 48 |
| Kotba u Kittieba | Ġ. c. | 54 |
| L-Ortografija tagħna | | 57 |
| *Il-Libiena* | Dun Karm | 59 |
| L-Ilsien Malti u l-Gwerra | **** | 60 |
| *Min int?—Kampnar* | Ġuże Chetcuti | 62 |
| Ħajja bla ħajr | Ġuże Galea | 63 |
| Imħabba t'Omm. | P. P. Tabone o.f.m. | 70 |
| B'Tifkira ta' oħti Ġużeppina | P.P. Saydon | 73 |
| *Iżda* | Dun Karm | 74 |
| Arloġġ żgħir u ġrajjietu | L. Cutajar | 75 |
| *It-Triq tal Ħelsien* | Ġuże Chetcuti | 79 |
| *S. Kalċidonju, Għawdex* | A. Buttigieg | 80 |
| Eħlisna, Mulej ! | K. Sant | 81 |
| Il-Ħidma Tagħna | | 83 |
| 'Orientalist' u l-Ortografija tal-Għaqda | A. Cremona | 87 |
| Biblijografija | Ġ. c. | 23-95 |